## KIF INBIDLET IL-BELT VALLETTA

(Jaqbad mill-paġna 7)

fin-nofs palma u ssejħet "Pjazza Palma". Mill-Indipendenza 'l hawn (1964) ħadet l-isem ta' Pjazza Indipendenza. Dwar il-bini qadim u ġdid tal-pjazza nitħaddtu iżjed 'il quddiem.

Fi żmienna saru żewġ pjazzez ġodda: waħda fid-dħul minn Putirjal (bit-twessiegħ ta' oħra iżgħar) u l-oħra quddiem San Gwann, għax il-bini ta' dawk iż-żewġ inħawi ntlaqat sewwa mill-bombi. L-ewwel waħda ssejħet dan l-aħħar "Misraħ il-Helsien". Biex infetħet, twaqqa' t-taraġ li kien hemm ma kull naħa ta' Putirjal, taraġ li kien iwasslek għal fuq il-Bieb, jew ħdejn fejn qabel kien hemm l-Imtieħen. Spiċċat il-"Pickets House", il-Kafe' Mondial u l-gabuba tal-gazzetti taħt dak it-taraġ.

Illum isebbħu dik l-pjazza naraw il-loġġoġ u ċ-ċnut bil-balabostri u l-ħwienet moderni li nfetħu taħt il-loġġoġ... u l-fdal tat-Tijatru Rjal. Il-Pjazza ta' San Gwann infetħet u ssebħet hi wkoll bil-loġġoġ u ħwienet moderni. U l-kwiet ta' quddiem il-knisja ċieda għal għajjat tal-bejjiegħa tal-Monti.

Minn dan li għidna wieħed jinduna li l-arkitetti tal-Belt ta' wara l-gwerra taw importanza kbira għal-loġġoġ, li jagħtu kenn fil-jiem tax-xemx fis-sajf u tax-xita fix-xitwa.

(Inkomplu darb'oħra.)